MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 668/1997/1

Andrew Buhagiar
vs
Chairman tal-NTOM u b'digriet tat-13 ta' Lulju 1999 gie korrett ghal Chairman tal-National Tourism Organasation Malta

Illum 28 ta' Ottubru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat mir-rikorrent fil-21 ta' Ottubru 1997 fejn wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja peress li ma nghatax promozzjoni ta' Accounts Clerk.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:-

1. Illi ir-rikorrent dahal jahdem irregolarment man-National Tourism Organisation fit-23 ta' Marzu 1987 bhala clerk typist.

2. Illi matul dan iz-zmien, ir-rikorrent ma kienx jaghmel xoghol ta' clerk typist pero` kien jahdem fl-Accounts Department u kien responsabbli ghas-sezzjoni tal-Personnel u s-salarji. Dan kien xoghol li kien jirrikjedi wisq aktar responsabbilitajiet minn dak ta' clerk typist.

3. Illi r-rikorrent dejjem kien jithallas ta' clerk u mhux ghax xoghol li kien jaghmel.

4. Illi mas-sena 1991 ir-rikorrent gie mpjegat permanentement mal-NTOM imma minhabba li l-Organizzazzjoni kienet ghada qed tigi rriformata, baqa' bil-grad ta' clerk flimkien ma' ohrajn li kienu ghadhom kemm dahlu jahdmu mal-Organizazzjoni.

5. Illi t-tezorier ta' l-NTOM Martin Aquilina, kien irrakkomanda ghall-inqas ghal darbtejn il-promozzjoni ta' ir-rikorrent ghall-Accounts Clerk, li jekwivali l-grad ta' EO fis-Servizz Pubbliku (dokumenti A-B).

6. Illi minkejja l-esperjenza is-seniority u anki r-rakkomandazzjonijiet ta' Kap ta' Dipartiment, ir-rikorrent qatt ma nghata promozzjoni.

7. Illi sakemm saru riformi minflok ir-rikorrent ircieva ghal madwar sena allowance fl-ammont ta' Lm240 biex ikopri x-xoghol li kien qed jaghmel li ma kienx jekwivali ghall-grad ta' clerk.

8. Illi meta r-rikorrent ra li ma kienx ser jinghata promozzjoni, ghamel l-ezami ta' clerk mas-servizz pubbliku u dahal jahdem mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1994.

9. Illi konsegwentement ir-rikorrent tilef kull sens ta' seniority, tilef id-differenza fis-salarju u sahansitra tilef ukoll il-kundizzjonijiet tal-promozzjoni.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku, li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta’ 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u dan billi jinghata rimedju f’li jigi kkumpensat minhabba li gie negat promozzjoni ghall-Accounts Clerk u li z-zmien li ghamel mal-Organizzazzjoni tizdied flimkien maz-zmien li ghamel mas-Servizz Pubbliku jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta’ mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

Ra r-risposta tac-Chairman intimat fejn wiegeb illi :

1. Fl-ewwel lok l-intimat jirrileva li l-isem korrett tal-Organizzazzjoni intimata huwa “National Tourism Organisation - Malta” u li l-ittri NTOM huma biss abbrevjazzjoni.

2. Illi subbordinatament u fil-mertu, r-rikorrent ma sofra ebda ingustizzja fit-termini tal-Att tal-1997 (Att numru VIII) ghax ma sofra ebda indiskriminazzjoni, tnaqqis ta’ jeddijiet, ecc u ma kellu ebda dritt kwezit ghall-promozzjoni jew appointment li hu issa qed jippretendi u jivvanta.

3. Illi huwa ammess mir-rikorrent stess li hu iddahhal jahdem mall-Organizazzjoni irregolarment bhala <u>clerk typist</u>. Kieku hu ma kienx kuntent b’dan il-post wiehed jifhem li kien jirrifjutah immedjatament u ma jidhol xejn irregolarment mal-Organizzazzjoni. Min dahhlu zgur li ma weghdu xejn aktar minn dak li offrielu u gie accettat mir-rikorrent.

4. Illi l-Organizzazzjoni rinfaccjata b’reklutagg irregolari ipprovat issib xoghol produttiv ghall dawn l-impjegati billi

tuzhom fejn l-aktar kienet tinhass il-htiega taghhom u r-rikorrent beda jahdem fl-accounts section.

5. Illi hu minnu li fid-29 t'Ottubru 1991 it-Tezorier ta' allura kien irrakkomanda lic-chief Executive li r-rikorrent jigi promoss ghall-accounts Clerk (grad ekwivalenti ghall EO) b'salarju gdid li jibda minn Lm2590 fis-sena, imma tali rakkomandazzjoni kienet biss rakkomandazzjoni u ma tat ebda dritt kwezit lir-rikorrent ghal tali promozzjoni.

6. Illi peress li dak iz-zmien kien qed isir ezercizzju shih ta' ristruttrar tal-grad tal-Organizzazzjoni, l-Executive Board kien iddecieda li jikkonsidra tali rakkomandazzjoni fil-hin opportun u cioe` wara li jitlesta l-ezercizzju imsemmi. Pero` fis-17 ta' Lulju 1992 ic-Chief Executive laqa' rakkomandazzjoni ohra tal-istess Tezorier li jakkorda "production bonus" ta' Lm240 fis-sena minhabba li l-ezercizzju kien ghadu mhux lest.

7. Illi imbaghad, meta tlesta re-organisation exercise, ic-Chief Executive informa lir-rikorrent b'ittra tal-14 ta' Settembru 1993 li hu kien qed jigi mahtur "Clerk" b'effett mill-1 ta' Lulju 1993 "<u>subject to your acceptance</u> of the attached contract of employment." Ir-rikorrent iffirma l-kuntratt ta' servizz propost lilu fit-24 ta' Frar, 1994 b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 1993 u hekk gie <u>akkwiexxa u accetta</u> bla rizervi is-sitwazzjoni. Meta dehrlu li sab post ahjar, qabad u telaq u mar ma Dipartiment iehor.

8. Jekk saru xi promozzjonijiet fil-grad ta' clerk, dawn saru wara li r-rikorrent telaq mill-impieg ghax ried hu u ovvjament ma setax jibbenefika minnhom. Dan kien wara li tlesta ir-Re-organisation exercise u l-membri ta' l-staff gew re-assessed fid-dawl ta' responsabilitajiet godda li assumew bir-ristrutturazzjoni l-gdida ta' l-Organizzazzjoni.

9. Illi fiz-zmien meta r-rikorrent qed jippretendi li kellu jigi promoss ma kien hemm ebda procedura stabilita dwar promozzjonijiet minn grad ghal grad iehor fl-Organizzazzjoni.

10. Illi mhux talli ghalhekk ir-rikorrent ma sofra ebda ingustizzja izda sahansitra l-ewwel ibbenefika minn production bonus u wara accetta il-post gdid li gie offrut lilu f'Organizazzjoni bla rizervi ta' xejn u jekk wara dan kollu ma hax promozzjoni, meta seta forsi johodha dan kien ghax hu ghazel li jitlaq mill-impieg u jsib impieg iehor governattiv.

11. Illi s'intendi l-Organizazzjoni ma tirrispondix ghal xi nuqqas ta' seniority li r-rikorrent jista jilmenta minnha fl-impieg il-gdid li hu sab.

12. Ghalhekk jidher li l-kaz tar-rikorrent u bla bazi legali u fattwali u lanqas jista' jigi accettat fuq bazi ta' ekwita` jew gustizzja naturali u konsegwentement it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti tal-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent dahal jahdem mal-NTOM b'mod irregolari bhala clerk typist fit-23 ta' Marzu 1987. Iz-zewg partijiet jirrikonoxxu l-irregolarita tal-impjieg tieghu u nghata pozizzjoni bhala clerk fl-Accounts Department fil-Personnel and Wages Section. B'effett mill-1 ta' Jannar 1991 is-socjeta` intimata rregolarizzat l-impjieg tar-rikorrent fil-grad ta' clerk u baqa' hemmhekk sakemm sar re-organasation fejn gie propost kuntratt ta' mpjieg indefinit fl-14 ta' Settembru 1993. Il-kuntratt gie ffirmat mir-rikorrent fl-24 ta' Frar 1994 fl-istess gurnata li baghat ir-rizenja tieghu. Baqa' jahdem mac-Chairman intimat sakemm spicca n-notice period fl-14 ta' April 1994. Wara din id-data dahal jahdem mal-Gvern bhala clerk.

Ir-rikorrent qed jilmenta illi matul iz-zmien ta' l-impjieg tieghu kemm mal-NTOM kif ukoll mal-Awtorita` tat-Turizmu gie trattat hazin peress illi huwa kien diligenti u

efficjenti fix-xoghol tieghu, kien jaghmel xoghol ta' Executive Officer liema sitwazzjoni ma gietx rikonoxxuta u di piu ma nghatax il-promozzjonijiet kif dehrlu illi haqqu. Di piu` issemmi kazijiet ta' Simon Bartolo, Felicity Zahra u Stephania Calleja fejn jghid illi dawn inghataw promotion meta kienu fl-istess grad tieghu u hu baqa' l-art. Jirrikonoxxi pero` illi Felecity Zahra u Stephania Calleja ma dahlux jahdmu b'mod irregolari kif dahal hu (fol 34).

Ikkunsidra

Qabel mat-Tribunal jghaddi sabiex jevalwa l-ilment tar-rikorrent tajjeb li jikkonsidra l-pozizzjoni tal-NTOM kif kienet fl-1987 kif ahjar deskritta mic-Chief Executive il-Maggur Alfred Cassar Renaud (fol 101). Dak iz-zmien it-turizmu kien sejjer hazin hafna l-NTOM kienet mghobbija b'150 clerk kollha deskritti bhala 'Data Collectors' u ghalhekk kien hemm surplus kbir ta' man power. Barra minn hekk, kienu joperaw mill-Meditteranean Conference Centre li kien ghadu kif issubixxa hruq kbir. Ghalhekk l-NTOM kienet sitwazzjoni verament hazina u kien hemm zewg prejoritajiet illi kellhon jigu indirizzati qabel mal-Awtorita` tiffunzjona b'mod efficjenti, dawn kienu, l-kwistjoni tal-man power zejda u t-tieni illi jkollhom post adekwat u dicenti sabiex joperaw liema post kellu jirrifletti l-importanza tal-NTOM. Kien fl-isfond ta' dawn id-diffikulatajiet illi saret re-organasation u re-structuring tal-Organizzazzjoni.

Min dawk il-haddiema kollha rregolari, l-Maggur Cassar Renaud gharaf mill-ewwel il-potenzjal u l-kapacita` tar-rikorrent, u hu u t-tlieta l-ohra gew mizmuma b'mod regolari mal-Awtorita`. L-impjegati l-ohra gew mibghuta postijiet ohra. Waqt li kien qed isir ir-re-organasation, il-Maggur Cassar Renaud kien qed jitlob hafna informazzjoni mir-rikorrent u dan kien efficjent u puntwali bi twegibiet tieghu u kien ghalhekk fuq rakkomandazzjoni tat-tezorier Martin Aquilina, l-Maggur Cassar Renaud approva l-performance bonus ta' Lm240 li jkopri l-perjodu mill-1991 sa 1992. Ix-xoghol siewi li kien qed jaghmel ir-rikorrent ingieb ghall-attenzjoni ta' Martin Aquilina, dan xehed a fol 50 tal-process u qal li kien jokkupa l-pozizzjoni

ta’ tezorier mill-1986 sa l-1993. Hu ukoll gharaf ix-xoghol li kien qed jaghmel ir-rikorrent u rrakomanda li jinghata promotion. Bhala Kap tieghu Aquilina seta’ jaghmel din ir-rakkomandazzjoni pero` ma setax effettivament jaghti l-promozzjoni huwa stess. Haga bhal din kienet tispetta lis-superjuri tieghu fosthom ic-Chief Executive il-Maggur Cassar Renaud. Dan xehed a fol 101 u spjega li huwa kien Chief Executive tal-NTOM mill-1987 u baqa’ hemmhekk sakemm irtira fl-2001. Fost affarijiet ohra jghid “….ahna rajna l-potenzjal tieghu (ir-rikorrent) u xorta ddecidejna li nzommuh l-NTOM u ghalhekk hu flimkien ma’ erbgha ohra gew impjegati fuq bazi regolari.”

Meta huwa baghtlu l-ittra tal-14 ta’ Settembru 1993 li kopja tinsab esebita a fol 106 jghid illi l-pozizzjoni regolari tieghu mal-Awtorita` tat-Turizmu kellha tkun dik ta’ clerk dejjem “subject to your excepting of the attached contract of employment.” Ir-rikorrent iffirma dan il-kuntratt f’dik il-gurnata stess li rrizenja u cioe` fl-24 ta’ Frar 1994, u ghalhekk legalment l-organizzazzjoni intimata kienet korretta meta hija zammet l-impjieg tar-rikorrent fil-grad ta’ clerk. Dan il-ghaliex huwa dahal mal-Awtorita` b’mod irregolari u ghalhekk ma setax jibbenefika mis-seniority jew drittijiet ohra ta’ mpjegati li dahlu b’mod irregolari. It-tieni, l-impjieg tieghu gie rikonoxxut b’effett mill-1 ta’ Jannar 1991 bhala clerk. Il-kuntratt li gie propost lilu li kellu jkun b’effett mit-30 ta’ Lulju 1993 poggieh fil-grad ta’ clerk u ghalhekk la kellu demotion u lanqas promotion. Meta r-rikorrent iffirma dan il-kuntratt fl-24 ta’ Frar 1994 dahlu in effetti l-konsegwenzi tieghu pero` dakinhar irrizenja u ghalhekk ma setax ibbenefika minn promozzjonijiet u titjib fis-salarju li seta’ kien hemm abbazi ta’ dan il-kuntratt. Kif tajjeb ikkonkluda l-Maggur Cassar Renaud ir-rikorrent Andrew Buhagiar kellu potenzjal tajjeb u kieku stinka l-quddiem kien jilhaq pero` skond hu ghaggel wisq. Fil-fatt ir-rikorrent dahal mal-NTOM fuq skala 15, il-kuntratt li gie mqieghed lilu kien fuq skala 15 ukoll pero` kellu paga ahjar. Di piu` ir-rikorrent ma kellux kwalifiki ta’ Accounts Clerk kif ippretenda illi kellu jilhaq.

It-Tribunal jinnota illi minkejja x-xoghol zejjed li kien imgieghel jaghmel ir-rikorrent thallas ‘performance bonus’

ta' Lm240 ghas-snin 1991 u 1992. Jidher li hawnhekk ir-rikorrent beda jaqta' qalbu meta kienet qeda ssir ir-re-organasation and re-instruction exercise u hu baqa' kif kien. Izda r-rikorrent donnu nesa l-mod irregolari illi huwa beda l-impjieg tieghu u kien biss b'effett minn Jannar 1991 illi l-pozizzjoni tieghu ta' clerk giet rikonoxxuta. Din giet sanata bil-kuntratt f'Settembru 1993 illi gie ffirmat mir-rikorrent fi Frar 1994 quindi, minkejja l-potenzjal tieghu r-rikorrent seta' jippretendi illi jiehu promozzjonijiet wara l-24 ta' Frar 1994 pero` ghazel illi jitlaq u ghalhekk it-Tribunal ma jarax illi saret xi ngustizzja fil-konfront tieghu. Wara kollox il-kuntratt ta' xoghol gie pprezentat lir-rikorrent, kien l-istess kuntratt li gie pprezentat lil kull individwu li kien jahdem mal-NTOM (ara xhieda Cassar Renaud a fol 101) u ghalhekk zgur li ma kienx hemm xi diskriminazzjoni fil-konfront tieghu. Li gara probabilment huwa illi r-rikorrent kien konsapevoli tal-potenzjal tieghu u ghall-fatt illi huwa kien qed jirnexxi fid-dipartiment u ppretenda rikonoxximent ferm qabel haddiehor. Pero` kieku baqa' jistinka kif qal il-Maggur Renaud zgur illi r-rikorrent kien javvanza aktar il-quddiem mal-Organizzazzjoni intimata izda dan m'ghamlux u ghazel li jmur banda ohra propju fiz-zmien meta l-pozizzjoni tieghu giet sanata u regolarizzata bil-kuntratt ta' impjieg indefinit. Il-paraguni li ghamel ir-rikorrent ma Simon Bartolo, Felicity Zahra u Stephania Calleja ma jaghmlux stat fil-konfront tieghu kemm il-ghaliex l-ahhar tnejn gew impjegati b'mod regolari l-NTOM u kemm il-ghaliex kif spjega Anthony Portelli dawn inghataw il-promozzjonijiet taghhom, jekk kien hemm promozzjonijiet, fl-isfond tar-re-organasation exercise li kien hemm.

Simon Bartolo perezempju kien student universitarju u kien jahdem part-time mal-NTOM. Felicity Zahra f'Lulju 1993 giet mahtura bhala Hospitality Executive u kienet dahlet ma l-NTOM bhala desk officer. L-istess Stephania Calleja. Ghal dawn it-Tribunal jaghmel referenza ghall-iskeda li pprepara Anthony Portelli ghan-nom ta' l-Awtorita` intimata a fol 62 dokument AP1. M'hemmx dubju billi mehud in konsiderazzjoni l-kapacitajiet tar-rikorrent dan mizinterprita l-intenzjoni tal-Awtorita` intimata meta saret ir-re-organasation exercise u meta inghatalu l-

kuntratt ta’ clerk b’effett mill-14 ta’ Settembru 1993. Veru illi huwa ppretenda illi dak ix-xoghol li kien qed jaghmel kellu jsir minn Executive Officer pero` wara kollox meta spicca minn ma’ l-Awtorita` kienet biss segretarja li hadet over ix-xoghol tieghu. Sussegwentament din giet trasferita banda ohra. Pero` ma setax jippretendi illi jkun Accounts Clerk meta huwa ma kellux il-kwalifiki illi jasal s’hemmhekk, forsi aktar il-quddiem bl-esperjenza illi huwa kien qed jigbor seta’ jasal f’dak il-grad pero` fl-istadju li ddecieda li jitlaq mill-Awtorita` tat-Turizmu forsi ma kienx ghad kellu l-kwalifiki kollha necessarji sabiex jokkupa din il-kariga. Ghalhekk f’dan l-isfond kollu t-Tribunal jidhirlu illi l-Awtorita` intimata mxiet b’mod korrett fil-konfront tar-rikorrent u m’hemmx ingustizzji ghal xhiex din twiegeb. Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez illi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------